



2024/1303

14.5.2024

DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/1303

tad-29 ta' April 2024

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea
u l-Ġappun għal Shubja Ekonomika**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagraphu, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagraphu, il-punt (a)(v), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew (¹),

Billi:

- (1) Fkonformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/578 (²), il-Protokoll li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Shubja Ekonomika ("il-Protokoll") fir-rigward tal-flussi liberi ta' data ġie ffirmat fil-31 ta' Jannar 2024, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsulat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (³) u ta' l-opinjoni 3/2024 tiegħu fl-10 ta' Jannar 2024.
- (3) Il-Protokoll jenħtieġ li jiġi approvat f'isem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Shubja Ekonomika huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni (⁴).

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 23.2 tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Shubja Ekonomika, sabiex jesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Protokoll (⁵).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-29 ta' April 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

D. CLARINVAL

(¹) Kunsens tal-14 ta' Marzu 2024 (għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Ufficijali).

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/578 tad-29 ta' Jannar 2024 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Shubja Ekonomika rigward il-fluss liberi ta' data (ĠU L, 2024/578, 12.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/578/oj>).

(³) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċċi fir-rigward tal-ipproċċessar ta' data personali mill-istituzzjoni, korpi, uffiċċċi u aġenzji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberi ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(⁴) It-test tal-Protokoll huwa ppubblikat fil-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, 14.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_prot/2024/1304/oj.

(⁵) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ser tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.